MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 392/2010

**Charles Bianco**

**Vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Charles Bianco pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-tnax (12) t'Ottubru, 2010 fejn espona s-segwenti:

*"Illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi ghandha tigi respinta u dan peress li l-pretensjonijiet hemm dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi ghandu jinghat li l-karozza tal-esponenti hija registrata fuqu bhala Car dealer/importer.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet mittenti u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni."*

Rat id-digriet taghha tal-21 t'Ottubru, 2010 fejn ordnat lill-Awtorita' ntimata tirrispondi fi zmien hmistax-il gurnata, w inoltre appuntat ir-rikors ghas-7 ta' Dicembru, 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, prezentata fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Ottubru, 2010, fejn esponiet is-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghula minnu fir-rikors tieghu.*

*2. Fit-tieni lok, il-kopja tar-rikors li ntbaghtet lill-Awtorita' ntimata ma hijiex konformi mad-disposittivi ta' l-Artikolu 174 (2)(a) u (c) tal-Kap. 12.*

*3. Fit-tielet lok, ir-rikors odjern qieghed isir taht l-Artikolu 57 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond is-subartikolu (5) ta' l-istess Artikolu, r-rikorrenti kellu jindika x-xhieda li bi hsiebu jipproduci b'sustenn tat-talba tieghu. Lista tax-xhieda ma hemmx ma' dan ir-rikors u ghalhekk, b'konsegwenza naturali ta' dan l-ebda, qieghed jigi umilment sottomess illi ebda xhieda ma tista' titressaq f'dan il-kaz mir-rikorrenti.*

*4. Illi fil-mertu, jinghad li r-rikorrenti jammetti li 'l-karozza tal-esponenti hija regsitrata fuqu bhala Car dealer/importer'. Ir-rikorrenti, jekk l-Awtorita' ntimata qed tifhem sew l-ilment tieghu, qieghed jghid li ghax hu car dealer jew importer allura huwa m'ghandu jhallas xejn minn dak mitlub mill-Awtorita' ntimata. Dan mhux il-kaz. Skond ma jirrizulta mir-records ta' l-Awtorita' ntimata, l-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni numru LLL-046 hija registrata fuq ir-rikorrenti u allura huwa responsabbli ghaliha w ghall-hlas tal-licenzji u dak kollu dovut skond il-Ligi fuq l-imsemmija vettura.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal*

*ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”*

Rat li fis-seduta tas-sebgha (7) ta’ Frar, 2011 xehed ir-rikorrent **Charles Bianco** li ftakar li rcieva ittra ufficcjali dwar il-vettura LLL-046 *Mitsubishi Pajero* u qal illi din kienet wahda mill-kwantità ta’ vetturi li huma jgibu minn barra u kompla li kien irrizulta illi din il-vettura kienet registrata fuq *Western Company Limited* izda bi zball l-Awtorita kienet registrat il-vettura  taht ismu , isem Charles Bianco de proprio, peress li huwa direttur ta’ din il-kumpanija. Sostna li min-naha tieghu kien mar l-ADT, w gibdilhom l-attenzjoni dwar dan u kien  anke tkellem ma’ tal-MITTS u qalilhom li kien hemm zball genwin.

Qal li kienu  talbuh il-log book u tahulhom u fil-fatt zammewh ghal xi tlett ijiem, erba’ mbaghad qalulu li kellu ragun.  Talbuh ukoll biex itihom ic-certifikat li kellu w li kienu se johorgulu certifikat gdid, u hu accetta.  Qalulu li dan ic-certifikat gdid kien japplika mill-5 t’Ottubru, 2010 (5/10/10).

Eesebixxa kopja tal-log book li effettivament hareg minn Transport Malta.  Kompla li effettivament l-ittra ufficcjali li kien ircieva minghand l-Awtorità kienet datata sittax (16) ta’ Settembru elfejn u ghaxra (2010), kif jirrizulta mid-dokument li esebixxa w li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument “Z”. Il-kopja tal-log book gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument “X”.  Ix-xhud qal ukoll illi kif jirrizulta mill-file u mid-dokumenti tal-ADT stess, jirrizulta li l-vettura kienet dahlet Malta taht isem is-soċjetà *Western Company Limited.*

Xehed ukoll **Brian Farrugia** in rapprezentanza tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta fil-kapacità tieghi ta’ legal officer. Dwar il-vettura tal-ghamla *Mitsubishi*, registration number LLL-046 qal li din dahlet Malta fit-tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dana taht is-socjetà *Western Company Limited* li d-direttur taghha huwa Charles Bianco, u dana bhala auto dealer. Qal illi Charles Bianco fil-fatt huwa sole director ta’ din is-socjetà. Il-

vettura kienet giet hekk registrata f'isem *Western Company Limited*.

Esebixxa kopja ta' kif effettivament din il-karozza hija registrata mal-Awtorita', liema kopja giet esebita w immarkata bhala dokument "BF". Ikkonferma illi din hija l-history tal-vettura inkwistjoni u li l-last change of owner kien fid-disgha (9) ta' Settembru 2002. Fil-fatt il-vettura giet registrata f'isem *Western Company Limited*. Qal li l-vettura dahlet Malta f'isem Charles Bianco on behalf of *Western Company Limited*, kif jirrizulta mit-transaction sheet Dokument "BF" u sal-lum il-gurnata ghadha ma tbiddlitx.

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx dubbju dwar il-fatti u dan ghaliex m'humiex kontestati mill-Awtorita' ntimata. Jirrizulta li r-rikorrenti Charles Bianco ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Western Company Limted, kien importa Malta numru ta' vetturi, fosthom il-vettura 'n kwistjoni tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoi LLL 046.

Jirrizulta skond ix-xhieda li ta r-rikorrenti, kif konfermata minn Brian Farrugia ghan-nom tal-Awtorita', li l-vettura qatt ma kienet tar-rikorrenti *de proprio* izda dejjem kienet proprjeta' tas-socjeta' Western Company Limited li ghandha rappresentanza guridika w legali separata w distinta mid-Direttur taghha, r-rikorrenti odjern.

Illi huwa minnu li l-vettura kienet giet registrata f'isem ir-rikorrenti originarjament, izda dan sehh minhabba nuqqas da parti tal-Awtorita' w kien l-istess rikorrenti li kien attira l-attenzjoni dwar dan l-izball lill-istess Awtorita' li kienet ghamlet il-korrezzjoni mehtiega, w dan qabel ma giet intavolata l-ittra ufficcjali fis-16 ta' Settembru 2010. Mit-*transaction sheet* esbita minn Brian Farrugia w immarkat bhala dok BF, jirrizulta li sid il-vettura kienet is-socjeta'

Western Company Limited sa minn mindu giet importata f'Malta fid-9 ta' Settembru 2002.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-**Artikolu 57 (1)** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Ghalhekk in vista tas-suespost, u appuntu dak li tiddisponi l-Ligi, huwa s-sid li huwa responsabbli ghall-hlasijiet tal-licenzji, li f'dan il-kaz hija is-socjeta' Western Company Limited u mhux ir-rikorrenti *de proprio*. Illi ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandux jinzamm responsabbli ghan-nuqqas ta' hlas ta' licenzji.

Illi minhabba l-premess, u cioe' li l-Awtorita' ntimata messha pprezentat l-ittra ufficcjali fil-konfront tas-socjeta' Western Company Limited u mhux fil-konfront tar-rikorrent odjern, il-Qorti ma thossx li ghandha titratta l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita' ntimata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet kollha rikorrenti w tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3630/10, m'ghandhiex tigi kunsidrata bhala ittra ufficcjali li giet reza esekuttiva fil-konfront tar-rikorrent.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tal-Awtorita' ntimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------